**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**CHAIRPERSON**

**Rikors numru 19/2008**

**Il-Pirjol Reverendu Patri Joseph Sciberras OSA K.I. 305375M ghan-nom u in rapprezentanza tal-komunita' Agostinjana tal-Kunvent San Mark, Rabat, Malta**

**vs**

**Edward Micallef K.I. 508268M**
**Marianne Melendez K.I. 522570M**
**Carmel Micallef K.I. 311777M**
**Catherine Micallef K.I. 411579M**
**Clive Micallef K.I. 264385M**
**Beverly Micallef K.I. 337988M**
**Ilkoll ulied u werrieta tal-mejjet Paul Micallef u**
**Catherine Micallef K.I. 653150M mart il-mejjet Paul Micallef ghal kull interess li jista' jkollha**

**Illum, 15 ta' Lulju 2016**

Il-Bord:

Ra r-rikors tar-rikorrenti li jghid:

> Illi l-komunita' Agostinjana tar-Rabat, Malta, kienet tikri lill-mejjet Paul Micallef li miet fis-7 ta' April 2007 hanut u zewg stores numri 2, 3a u 3b, fi Triq l-Isptar, Rabat, Malta bil-kera ta' Lm130 (€302.82) fis-sena li tithallas kull sena bil-quddiem.
>
> Illi l-intimati Edward Micallef, Marianne Melendez, Carmel Micallef, Catherine Micallef, Clive Micallef u Beverly Micallef, huma ulied il-mejjet Paul Micallef, filwaqt li l-intimata Catherine Micallef hija mart il-mejjet Paul Micallef minnu *de facto* separata ghal bosta snin.
>
> Illi l-mejjet Paul Micallef u l-intimati ma ezegwewx il-kondizzjonijiet tal-kuntratt tal-kera u uzaw il-fondi xorta ohra milli ghall-iskop li kienu gew mikrija;
>
> Ill l-mejjet Paul Micallef u l-intimati hallew il-fondi fi stat ta' disuzu u deterjorazzjoni.
>
> Illi ghalhekk ir-rikorrent, fil-kwalita' tieghu premessa, ghandu dritt skond il-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta li jirriprendi l-pussess tal-fondi.
>
> Ghaldaqstant, in vista tac-cirkostanzi premessi, l-esponenti jitlob bir-rispett lil dan il-Bord, illi jigi awtorizzat jirriprendi l-pussess tal-fondi ossia hanut ta' zewg stores numri 2, 3a u 3b, fi Triq l-

Isptar, Rabat, Malta, u jitlob in oltre l-izgumbrament ta' l-intimati mill-fondi msemmija fi zmien qasir u perentorju illi jigi lilhom prefiss.

Bl-ispejjez, bl-ingunzjoni ta' l-intimati in subizzjoni u b'riserva ta' kull dritt spettanti lir-rikorrent ghad-danni.

Rat ukoll ir-risposta tal-intimati li tghid:

1. Illi r-rikorrenti irid qabel xejn jipprova li hu sid il-fond inkwistjoni;

2. Illi, fil-mertu, l-intimati jecepixxu illi l-pretensjoni tar-rikorrenti hija wahda infondata fil-fatt u fid-dritt;

3. Illi l-intimati dejjem zammew mal-kondizzjonijiet lokatizzji;

4. Illi m'hemm l-ebda raguni valida fil-ligi ghalfejn ir-rikorrenti ghandu jigi awtorizzat li jirriprendu l-fond inkwistjoni;

5. Salv difiza ulterjuri hekk kif premessi mill-ligi.

Ra l-atti kollha tal-kawza;

Ra n-nota ta' l-intimati Catherine Micallef u Beverley Micallef tat-30 ta' Mejju 2008, a folio 8 tal-process li m'humiex il-legittimi kuntradutturi peress li rrinunzjaw ghall-wirt;

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti tas-07 ta' Jannar 2013;

Ra illi fis-seduta tad-19 ta' Novembru 2015 il-kawza regghet thalliet ghas-sentenza quddiem il-Bord diversament presedut;

Ra l-atti kollha tal-kawza u qies id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Ikkunsidra:

Illi fil-kaz odjern ir-rikorrenti qed titlob l-izgumbrament ta' l-intimati minhabba li l-intimati ma esegwewx il-kundizzjonijiet tal-kuntratt tal-kera, nuqqas ta' uzu u deterjorazzjoni tal-fond. L-intimati jeccepixxu li t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Illi fid-dawl tan-nota ta' l-intimati Catherine Micallef u Beverley Micallef tat-30 ta' Mejju 2008, a folio 8 tal-process, stante li huma rrinunzjaw ghall-wirt tal-mejjet Paul Micallef, il-Bord jiddikjara li ma humiex legittimi kontradditturi fil-kawza odjerna.

Illi r-rikorrenti pruvat it-titolu taghha permezz tad-dokumenti a folio 23 et sequitur tal-process, ghalhekk l-ewwel eccezzjoni tal-intimati qed tigi respinta.

Ir-rikorrenti resqet diversi xhieda minn liema jirrizulta li minn meta miet Paul Micallef il-fond mertu tal-kawza kien dejjem maghluq.

Mid-dokument MB1 esebit a folio 80 tal-process minn Michael Buttigieg, rapprezentant ta' l-ARMS, jirrizulta illi sa mill-31 ta' Awissu 2005 il-meter ma kienx qed jinqara. Fiz-zmien ta' qabel hemm ukoll diversi dati fejn is-servizz gie dikjarat "not in use".

Illi r-rapport tal-Periti tal-Bord, a folio 98 tal-process, jikkonkludi li ilu zmien twil ma ssir xi tip ta' attivita' fil-fond mertu tal-kawza. Il-fond lanqas biss kien maghluq izda il-bieb kien qed izomm b'feles tal-kartun. Is-sistemi tad-dawl u l-ilma ma kinux funzjonabbli u l-affarijiet li hemm fil-fond mitluqin u mimlija trab.

L-intimati ma ressqux provi.

Illi fid-dawl ta' dan kollu, l-Bord huwa tal-fehma li r-rikorrenti ressqet bizzejjed provi biex issostni r-rikors promotur taghha.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Bord qed jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti. Ghall-fini ta' zgumbrament jipprefiggi terminu ta' zmien tletin (30) jum mil-lum. Spejjez a karigu ta' l-intimati.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur